A.L. 138 ta' l-1997

ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (ATT NRU. I TA' L-1992)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat moghtija bl-artikoli 41, 42 u 60 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, l-Awtorità ta' l-Ippjanar, bil-kunsens tal-Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent u tal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini, u għandhom jinqraw u jiftehmu bħala ħaġa waħda flimkien mar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 112 ta' l-1996.

Emenda tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok it-tifsira ta' "applikazzjoni emendata" għandu jidħol dan li ġej:

""applikazzjoni emendata" tfisser applikazzjoni għal emendi għal żvilupp li dwaru permess ikun diġà nghata u għadu validu:

(a) fir-rigward ta' l-istess sit u li jinvolvi żvilupp ta' l-istess xorta u deskrizzjoni ġenerali, u

(b) ma jinvolvix użu differenti jew żieda fl-għadd ta' unitajiet ta' abitazzjoni, u

(ċ) għandu x'jaqsam ma' bidliet ta' l-intern tal-bini jew id-dehra ta' barra li ma jbidlux b'mod sinjifikanti n-natura ġenerali ta' l-iżvilupp;".

Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok is-subinċiż (q) tas-sub-paragrafu (5) tal-paragrafu 1 tagħha għandhom jidħlu s-subinċiżi ġodda li ġejjin:

"(q) Applikazzjonijiet għal approvazzjoni sanitarja Lm5

(r) Notifiki skond l-Ordni dwar Żvilupp Ġenerali Lm5

(s) Notifiki skond l-Ordni dwar Żvilupp Ġenerali fejn l-Awtorità tista' twieġeb fi żmien 30 ġurnata biex tinforma lill-applikant li permess għal żvilupp hu rikjest Lm10

(t) Approvazzjoni għal liċenza għar-reċiklaġġ ta' skart *inert* fil-barrieri Lm100

(u) Approvazzjoni għal liċenzja għat-tfigh ta' skart *inert* fil-barrieri Lm150

(v) Żjarat fuq sit biex jiġu mfassla l-allinjament jew livelli, wara t-tfassil *Interim* u Finali, għal kull żjara ..... Lm10";

(b) minnufih wara l-paragrafu 2 tagħha, għandu jiżdied il-paragrafu 2A ġdid li ġej:

"2A. Fejn l-applikazzjoni hi għal żvilupp ġdid fuq sit li dwarha m'hemmx permess għal żvilupp *in vigore*, imma kien hemm permess qabel, u l-applikazzjoni għal żvilupp ġdid kienet tissodisfa d-definizzjoni ta' applikazzjoni emendata kieku il-permess għal żvilupp ta' qabel kien għandu *in vigore*, id-Dritt għal Permes ta' Żvilupp ġdid għandu jiġi ikkalkulat skond ir-rata applikabbli għall applikazzjonijiet emendati.";

(ċ) fis-subinċiż (ii) tas-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu 7 tagħha, minflok il-kelma għall-"żvilupp.", għandha tidħol il-kelma "żvilupp;", u minnfih warajha għandu jiżdied is-subinċiż li ġej:

"(iii) fejn l-iżvilupp nbeda."; u

(d) minflok is-sub-paragrafu (ċ) tal-paragrafu 7 tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) Meta applikazzjoni tiġi irtirata mill-applikant qabel ma din tkun ġiet deċiża, jingħata lura 75% tad-Dritt għal Permess ta' Żvilupp, soġġett għal massimu ta' Lm2,500, ħlief meta —

(i) id-Dritt għal Permess ta' Żvilupp imħallas hu Lm10 jew inqas, jew

(ii) avviż skond l-artikoli 50, 51, 52, 53 jew 58 ta' l-Att ikun ġie notifikat lill-applikant jew fuq is-sit li għaliha tirriferi l-applikazzjoni, jew

(iii) l-applikant jaqbel li s-sehem tad-Dritt għal Permess ta' Żvilupp jista' jiġi trasferit lil applikant sussegwenti għar-rigward ta' applikazzjoni dwar l-istess sit."

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab mar regolamenti prinċipali.

4. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subinċiż A tas-sub-paragrafu (1) tal-paragrafu 1 tagħha, minflok il-kliem "*Maisonette* (wehida) ... 110" u "*Maisonette* (tnejn jew aktar - kull *unit*) ... 90", għandhom jidħlu l-kliem "*Maisonettes* ...110";

(b) fis-subinċiż A tas-sub-paragrafu (2) tal-paragrafu 1 tagħha,. minflok il-kliem "*Maisonette* (waħda) ...60" u "Maisonettes (tnejn jew aktar - kull unit) ...40", għandhom jidħlu l-kliem "*Maisonettes* ...60";

(ċ) minflok il-paragrafu 2 tagħha, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"2. Meta l-applikazzjoni tkun għal żvilupp ġdid fuq sit li dwaru hemm fis-seħħ jew kien hemm permess għal żvilupp, kemm jekk għadux *in vigore* jew le, il-Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura mħallsa għaż-żvilupp ġdid, għandu jiġi ikkalkulat billi titnaqqas il-Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura mħallsa għal kull permess għal żvilupp ta' qabel minn dak dovut għall-applikazzjoni l-ġdida."; u

(d) fis-sub-paragrafu (l) tal-paragrafu 5 tagħha, minnufih wara l-kliem "stabbilit b'liġi", għandhom jiżdiedu l-kliem "inkluża l-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta,".